MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Numru 218/2005

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
LOUIS SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Louis Spiteri ta' 43 sena, iben Anthony u Anna nee' Doublet, imwieled il-Pieta' fit-23 ta' Mejju 1961, residenti fil-fond numru: 91, Flat 1, Triq il-Vitorja, l-Isla u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 367761(M).

Illi huwa akkuzat:

A. Talli matul ix-xahar ta' Frar, 2005, b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti matul il-gurnata u f'postijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u

dana bi ksur ta’ l-Artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
B. Talli, b’eghmil zieni, ikkorrompa lil Ommissis A u Ommissis B mill-Fgura, liema persuni huma taht l-eta’, tas-sess oppost u dana bi ksur ta’ l-Artikoli 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
C. Talli, wettaq attentat ghall-pudur ta’ Ommissis A u Ommissis B mill-Fgura, u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
D. Talli, fi Triq San Tumas (hdejn il-hanut ta’ l-‘Urban Jungle’), il-Fgura, offenda il-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll akkuzat talli sar recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema saru definittivi.

Il-Qorti hija mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur Jesmond Borg (a fol.16 et seq.) jirrizulta illi l-Ghassa tal-Fgura irceviet rapport minn Ommissis A ta’ ommissis-il sena li f’zewg okkazzjonijiet matul ix-xahar ta’ Frar 2005, waqt illi hi u

habibitha Ommissis B, kienu jistennew ix-xarabank ta’ l-iskola hdejn it-*Tiptop*, kien gie l-imputat, ipparkja l-vettura tieghu, ftit ‘il boghod minnhom u beda jaghmel atti oxxeni konsistenti f’masturbanzzjoni. Iz-zewgt itfal infurmaw lil Qorti illi f’ebda hin ma gibed l-attenzjoni tal-minuri ghal dak li kien qed jaghmel. Il-minuri taw dettalji tal-karozza ta’ l-imputat, GAC 136 lewn il-*maroon*. Mill-ewwel intbat PC 1554 fuq il-post, illi sab illi dak li kienu qed jghidu t-tfajliet kien minnu u hemmhekk gie arrestat l-imputat.

PC 1554 xehed illi sab l-imputat fil-karozza tieghu u li l-imputat qallu li kien qed jistenna telefonata minghand l-*insurance* tieghu.

L-imputat gie mitkellem mill-Pulizija u rrilaxxa stqarrija Dok.GB (a fol.24 et seq.) fejn ammetta dak kollu illi kienu qalu t-tfajliet u cioe illi hu kien joqghod fil-karozza u jimmasturba ruhu, izda li qatt ma gibed l-attenzjoni ta’ dawn it-tfajliet b’ebda mod.

PC 1495 (a fol.27 et seq.) ikkonferma illi hu kien acceda flimkien ma’ PC 1554 u kkonferma x-xhieda ta’ l-istess PC 1554 ghal dak li qal l-imputat u ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS (a fol.31)

Ommissis A (a fol.34) ikkonfermat illi hija tmur l-iskola permezz ta’ xarabank apposta u li tistenniha hdejn il-hanut tat-*Tiptop* il-Fgura. Ikkonfermat illi kien hemm ragel li kien waqaf b’karozza lewn *maroon* u beda jitkellem fuq il-*mobile.* Illi f’xi hin wara, espona l-parti privata tieghu u l-ewwel darba kien ghattiha b’gazzetta. Illi hi u l-habibha taghha kienu dawru wicchom. Dan l-incident gara darbtejn ohra. Gara li xi gimgha wara, rega tfacca dan ir-ragel, bl-istess karozza u dan *“Rega’ beda jilghab bil-parti tieghu”* (ara fol.37) u rega espona l-parti privata tieghu ghal naqra iktar minn tlett minuti. Ommissis A kkonfermat in-numru tar-registrazzjoni tal-karozza GAC 136. Ommissis A regghet ikkonfermat illi anke fit-tieni okkazzjoni, dan ir-ragel, f’ebda hin, ma ghamel xi mossa biex jattiralhom l-attenzjoni taghhom. Ommissis A xehedet illi meta graw dawn l-okkazzjonijiet it-tfajliet kienu dawru wicchom. Ommissis A kkonfermat illi ma setghetx tghid preciz meta

graw dawn l-affarijiet izda taf illi marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija **wara li graw dawn l-incidenti**. Ommissis A ezebiet Dok.SD (a fol.51), skizz impingija minnha fejn turi l-pozizzjoni tat-tfajliet u l-karozza ta' l-imputat.

PC 1054 Noel Decesare kkonferma r-rapport li kienet ghamlet Ommissis A dwar l-imputat (ara fol.58 sa 63)

WPC 129 Marlene Falzon (a fol.65 et seq.) ukoll ikkonfermat ir-rapport ta' Ommissis A.

Ommissis B ikkonfermat illi hija flimkien ma' Ommissis A jmorru l-iskola permezz ta' xarabank apposita illi tigborhom minn fejn it-*Tiptop* tal-Fgura. Ikkonfermat illi kien gie ragel b'karozza *maroon* tal-marka *Hyundai*:
*"Imbaghad gie u beda jilghab bil-parti tieghu, l-ewwel beda jara l-gazzetta imbaghad beda jilghab bil-parti tieghu"* (ara xhieda a fol.78)

Illi xi gimgha wara, rega' gie l-istess persuna u rega' ghamel l-istess affarijiet. Ommissis B xehedet illi dan ir-ragel kien gie wkoll ghat-tielet darba izda dakinhar ma kien ghamel xejn. Ghalkemm Ommissis B ikkonfermat bil-gurament illi kienet certa illi wahda minn dawn l-okkazzjonijiet sehhet fit-8 ta' Marzu 2005, jirrizulta abbastanza car illi kien ir-rapport mit-tfajliet illi sar f'dik il-gurnata, fl-Ghassa tal-Pulizija. A fol.84 u 85, Ommissis B ukoll ikkonfermat illi dan ir-ragel, f'ebda hin, ma ghamel mossa biex jigbed l-attenzjoni ta' dawn it-tfajliet ghal dak li kien qed jaghmel.

Dr. Mario Farrugia kkonferma illi l-imputat ibghati minn certu kundizzjonijiet fizici, inkluz *pre-mature ejaculation* (ara fol.113) u li l-igakulazzjoni ssehh fi ftit sekondi jew minuti.

Dr. Joseph Tonna (a fol.119 et seq.) ikkonferma illi l-imputat ibghati b'diabete qawwija li ghandha wahda mill-konsegwenzi ta' *pre-mature ejaculation*.

Stephen Conti kkonferma li l-imputat kellu kollizjoni bil-karozza tieghu, GAC 316, li sehhet fil-21 ta' Frar 2005 u li Louis Spiteri kien talab ghal *survey* fl-24 ta' Frar 2005.

Mark Micallef, *Motor Vehicle Surveyer,* ikkonferma illi fil-25 ta' Frar 2005, huwa kien ghamel *survey* fuq il-karozza ta' l-imputat (ara Dok.MM).

David Cucciardi kkonferma illi ghamel xi xoghol fuq il-karozza ta' l-imputat pero' ma setghax jghati data deciza meta dan sehh izda kkonferma *receipt* (Dok.CS datata 25 ta' Mejju 2005)

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi fuq prodotti jirrizulta, b'mod anka ampju, illi l-fatti spece tal-kaz jaqghu fil-parametri tar-reat ta' l-offiza ghal pudur taht l-Artikolu 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux dik ta' korruzzjoni ta' minorenni ai terminu ta' l-Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*"Kull min, barra mill-kazijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu jew f'disposizzjonijiet ohra tal-Ligi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'eghmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur u multa."*

Illi bla dubju ta' xejn, meta persuna tesponi l-organi genitali u jaghmel atti konfacenti ma' masturbazzjoni, u dana f'lok pubbliku, fejn setghu u rawh zewg minuri jikkonfigura fir-reat ta' offiza kontra l-pudur. Dawn l-azzjonijiet kienu pjuttost mistura b'gurnal u l-fatt li l-imputat ma ghamel ebda gest biex jigbed l-attenzjoni ta' dawn il-minuri. Dana kollu jwassal biex jigu sodisfatti r-rekwiziti ta' l-Artikolu 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux dak tar-reat mahsub taht l-Artikoli 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In fatti, fis-sentenza Appel Kriminali **Pulizija vs. George Xuereb** datata 5 ta' Dicembru 1997 per Prim Imhallef Vincent DeGaetano:

***"Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta, bhalma necessarjament kienet l-Ewwel Qorti li l-appellant kemm fil-15 ta' Settembru, 1996 kif ukoll f'okkazjonijiet qabel u wara din id-data, waqt li jkun jew fil-gnien tieghu jew fuq il-bejt jew fid-drive way li hi komuni ghall-propjeta' tieghu u ta' l-imsemmija konjugi, kif appena jara lill-imsemmija Madeline Whitehouse jiftah il-qalziet, jesponi l-organi genitali tieghu fid-direzzjoni taghha u anke jaghmel atti konfacjenti ma' masturbazzjoni. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant ghamel hekk f'dawn l-okkazjonijiet proprju ghax kien jaf li tkun tista' tarah Madeline Whitehouse. Fir-rikors tieghu l-appellant jippretendi li anke jekk saru xi atti dawn ma jammontawx ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali ghax dawn la saru f'lok pubbliku u anqas f'lok espost ghall-pubbliku, izda fil-proprjeta' privata tieghu. Bl-espressjoni "lok espost ghall-pubbliku" fl-Artikolu 209 hu evidenti li l-legislatur ma riedx jillimita ruhu semplicement ghal postijiet pubblici jew ghal postijiet li jkunu privati izda "accessibbli" ghall-pubbliku, izda ried jikludi postijiet privati izda li go fihom terzi persuni jkunu jistghu normalment jittawlu u jaraw xi jkun qed jigri, sia jekk dawn it-terzi jkunu fit-triq, fuq bjut jew fi twieqi. Jinghad "normalment" fis-sens li dak li jkun qed jigri f'dan il-lok privat ikun vizibbli ghal terza persuna minghajr ma' din ikollha bzonn tuza xi apparat straordinarju, bhal titla' ma' xi hbula jew fuq slielem jew kaxex."***

Illi l-atti in kwistjoni saru f'post pubbliku par excellance u cioe f'karozza fi triq pubblika fid-dawl tax-xemx.

Illi d-Difiza sollevat illi l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat stante illi l-imputat gie akkuzat b'data antecidenti ghal dik illi jissollevaw il-minuri u cioe il-5 ta' Marzu 2009.

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat ghamel ammissjoni piena ta’ dak kollu li ghamel fl-istqarrija tieghu (Dok.JB - a fol.24 sa 26) u gie mistoqsi mhux biss ghall-incident illi gara fit-8 ta’ Marzu izda ghal dawk illi graw f’dati specifici fi Frar.

Illi, di piu’, ghalkemm il-minuri, fir-rapport taghhom tat-8 ta’ Marzu 2005, taw rakkont ta’ dak illi ghamel l-imputat, jidher car mill-istess rapport illi ssemmew tlett (3) incidenti illi sehhew fil-gimghat precedenti ghat-8 ta’ Marzu mill-istess persuna, Louis Spiteri.

Illi l-kwerelanti, Ommissis A, fix-xhieda taghha tat spjegazzjoni lucida hafna ghal dak li jirrigwarda z-zminijiet ta’ meta saru t-tlett incidenti ma’ l-imputat u xhedet illi kien hemm approssimament gimgha bejn incident u iehor u li fl-ahhar incident, hija flimkien ma sehbitha ddecidew illi jaghmlu r-rapport. Kienet biss Ommissis B illi tfixklet fid-dati. L-imputat inniffsu, bil-produzzjoni tax-xhieda in difesa, fil-fatt jipprova illi huwa kien ipparkjat fil-karozza tieghu, fil-post indikat mill-minuri, fi Frar 2005, fuq kwistjonijiet konnessi mal-kollizjoni illi kellu. Ghalhekk ma hemmx, f’mohh din il-Qorti, xi dubbju remot ahseb u ara kemm dubju dettat mir-ragonevoli ghal dak li jirrigwarda d-dati illi bihom gie akkuzat l-imputat, ghalkemm huwa vera illi d-data tal-5 ta’ Marzu 2005 ma tikkonfigurax fl-akkuza.

Il-Qorti rat l-ezenzjoni tad-Difiza ghal rigward ta’ prova ta’ l-identita’ fir-recediva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib l-imputat, hati ta’ l-ewwel, ir-raba u l-hames akkuza, mhux hati tat-tieni u t-tielet akkuza li minnhom tilliberah u wara li rat l-Artikolu 18, 209, 49, 50 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece kollha tal-kaz u l-fedina penali ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------